MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 33/2014

Avviz Numru 33/2014

Mario Bugeja u Bellusa Daughters Limited.

vs

Sonia Xerri u Alex Cali

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba prezentat fil-15 ta' Settembru 2014 illi permezz tieghu l-atturi talbu minghand il-konvenutI l-hlas ta' tlett elef Ewro (€3000) ghal arretrati ta' hlasijiet ta' dawl u ilma ta' fond mikri minghand l-attur lill-konvenuti fl-indirizz Flat 2, Bellusa Building, Triq Mons Pietru Pace, Victoria, Ghawdex. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra r-risposta.

Ra l-atti kollha, inkluz il-qbil bejn il-partijiet li ma hemmx ghalfejn illi l-Gudikatur sedenti jirrikuza ruhu.

Ra illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2014, il-partijiet lahqu transazzjoni liema transazzjoni giet registrata fl-atti.

Ikkunsidra

Illi l-partijiet ttransigew il-pendenzi kollha ta’ bejniethom u talbu lil dan it-Tribunal jaghti sentenza a bazi ta’ dik l-istess trasazzjoni.

Illi it-transazzjoni prattikament tghid hekk: (1) illi l-ammont mitlub ghandu jkun dovut mill-konvenut Alex Cali u mhux mill-konvenuta Sonia Xerri: (2) illi dan ghandu jithallas f’rati mensili ta’ mitt Ewro (€100): (3) Ma jkunux dovuti imghaxijiet: (4) l-ispejjes kollha jkunu dovuti minn Alex Cali: (5) illi din it-transazzjoni tigi nkorporata f’sentenza.

Illi dan it-Tribunal ma jara xejn li ghandu jkun ta’ ostaklu biex tigi akkolta r-rieda tal-partijiet espressa f’din it-transazzjoni kif verbalizzata in atti. B’dan pero’ illi dan it-Tribunal jinnota illi l-partijiet hallew lacunae meta ma ddikjarawx x’jigri f’kaz illi ma jithallsux r-rati kif mifthiem. B’sens ta’ gustizzja u sabiex din is-sentenza verament ikollha effett, dan it-Tribunal ihoss illi hu dmir tieghu li ghandu jimla dan il-vojt hu stess u ghalhekk fl-eventwalita’ li jigu maqbuza tlett pagamenti anke jekk mhux kosekuttivi ghandu jintilef il-beneficcju tat-terminu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jillibera lil Sonia Xerri mit-talbiet attrici; jikkundanna lill-konvenut Alex Cali ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett elef Ewro (€3000); b’dan illi din is-somma ghandha tithallas f’rati mensili bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta’ Dicembru 2014, bil-konvenut jitlef il-beneficcju tat-terminu jekk jaqbez il-hlas ta’ tlett rati anke jekk mhux konsekuttivi. L-ispejjes kollha jkunu a karigu tal-konvenut Cali.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------